# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 84/01mm**

**Attard Tipped Tools Limited**

**vs**

**Chris Abela ezercenti l-kummerc Abela Woodwork**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' erba' mija u sebgha u ghoxrin lira Maltija u disa' u erbghin

centezmu (Lm427.49) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ diversi oggetti mibjugha lill-konvenut mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta’ l-ittra legali tal-15 ta’ Jannar, 2001, u bl-imghax kummercjali mit-2 ta’ Novembru, 1999, sad-data tal-eventwali pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fit-12 ta’ Marzu, 2001, meta gew ipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.